StudentBounty.com

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2012

IS-SITT SENA    MALTI (QARI)    ĦIN: 50 minuta

Isem: ______________________________ Klassi:______________

| | |
|---|---|
| Marka tat-taqsima | 30 marka |
| Marka tal-Istudent/a | |

Għall-istudent/a

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u kunjomok kif ukoll il-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb. Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.





www.StudentBounty.com

| Sezzjoni A | **(5 marki)** |
|---|---|

**Ara sew l-informazzjoni fuq dawn iż-żewġ reklami. Aqra s-sentenzi dwar dawn ir-reklami u agħmel sinjal taħt il-ħames (5) sentenzi li huma tajbin.**







1. L-attivitajiet se jiġu organizzati fil-jum tal-Ħadd.
2. Iż-żewġ attivitajiet se jsiru fl-istess lokalità.
3. Iż-żewġ riklami qed jagħtu informazzjoni fuq l-istess attività.
4. Iż-żewġ attivitajiet qed iħajru lit-tfal biex imorru.
5. Iż-żewġ attivitajiet huma b'xejn għat-tfal.
6. Iż-żewġ attivitajiet jibdew fl-istess ħin.
7. F'dawn l-attivitajiet jistgħu jattendu anke l-kbar.
8. Iż-żewġ attivitajiet huma organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Floriana.
9. Fiż-żewġ attivitajiet organizzati se jkun hemm il-buffi.
10. F'waħda mill-attività organizzata se jkun hemm l-annimali.



www.StudentBounty.com

| Sezzjoni B: |
|---|

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet (25 marka)**

**L-Ewwel parti**

'Ħbieb, hawn m'għadniex xogħol tajjeb,' qal is-Sur Lorenzi, sid iċ-Ċirklu lill-ħaddiema kollha. 'Il-belt li fiha ġejna nagħtu l-wirja tagħna hija żgħira wisq. Ħafna tfal għandhom l-influwenza u d-deni. Xi wħud minnhom saħansitra qegħdin l-isptar.' *(par.1)*

Song Yu, wieħed mill-buffi beda jxengel rasu u qal, 'Mela għalhekk, il-wirjiet ta' dan iċ-Ċirklu tista' tgħid li dejjem kienu bla tfal?' *(par.2)*

Larissa, waħda mill-ballerini żiedet, 'U la ma jiġux iż-żgħar lanqas se jiġu l-kbar! L-aħjar li nitilqu minn hawn u mmorru nittantaw xortina f'belt akbar.' *(par. 3)*

'Ħbieb, proprju għalhekk tlabtkom biex inkellimkom. Hemm bżonn li fi żmien jumejn, inħallu din il-belt. Naf sew x'kedda se tkun għal kulħadd biex nerġgħu nerfgħu kollox u nitilqu għal vjaġġ twil ieħor. Nifhem li din mhux se tkun ħaġa faċli, imma l-bżonn hekk jitlob għal ġid ta' kulħadd. ' *(par. 4)*

**It-Tieni parti**

Ftit siegħat wara l-gwardjan li kien jieħu ħsieb il-gaġeġ tal-annimali ġie jiġri jgħajjat li x-Xadina Sistri kienet ħarbet. Iċ-Ċirklu ried iħalli dik il-belt bil-għaġla imma ma setgħux iħallu lil Sistri warajhom. Bdiet it-tfittxija. Minn moħħ Song Yu għadda ħsieb u ġibidha lejn l-isptar. Ma ħasibx ħażin. Ra lil Sistri dieħla minn tieqa f'waħda mis-swali tal-isptar. Ħaffef il-pass. *(par.5)*

It-tobba u l-infermiera baqgħu mibluhin x'ħin raw lill-buffu dieħel jiġri l-isptar. Aktar skantaw meta qalilhom li fl-isptar kien hemm xadina. Kulħadd telaq jiġri jfittixha. Sabuha fis-sala ewlenija tat-tfal, tiġri min-naħa għal oħra, titla' minn sodda għal oħra. Tgħidx kemm daħku t-tfal meta Sistri taparsi bdiet tagħmilha ta' waħda marida li ma riditx tieħu l-mistura. *(par.6)*



www.StudentBounty.com

It-tfal insew id-deni u l-uġigħ li kellhom u bdew jidħku bil-bużullotti li bdiet tagħmel ix-xadina. Meta ra hekk, Song Yu mar ħdejha u beda jdaħħak lit-tfal huwa wkoll. Beda jilgħabha ta' tabib li ried jagħmel vista lil Sistri u din ma riditux. It-tobba u l-infermiera daħku bil-qalb. Song Yu ħa pjaċir b'dik il-wirja li kienu qed jagħtu tant li nesa li kulħadd kien inkwetat ifittex lix-xadina. *(par. 7)*

**<u>It-Tielet parti</u>**

Kif s-Sur Lorenzi sar jaf li x-xadina kienet l-isptar fis-sala tat-tfal beda jaħseb fl-inkwiet kollu li ser jiġi fih mal-pulizija. F'radda ta' salib mar l-isptar. Baqa' b'ħalqu miftuħ x'ħin ra lil buffu u lix-xadina jaqbżu f'nofs is-sala. *(par. 8)*

'Song Yu', werżaq is-Sur Lorenzi, 'Prosit għalik! Aħna nfittxu lil Sistri u int tibbużżullottja hawn.' Kulħadd waqaf jidħak. Waqa' silenzju perfett. *(par. 9)*

'Niskuża ruħi li ma ġejtx ninfurmak mill-ewwel. Imma kieku taf kemm ħadu gost it-tfal. Sur Lorenzi, għandek tkun kburi li xadina taċ-Ċirklu tiegħek hi daqshekk intelliġenti li ġiet tfittex it-tfal hi. Għada l-gazzetti se jixegħlu b'din l-aħbar u tgħidx kemm se jsir popolari ċ-Ċirklu tagħna.' *(par. 10)*

Fuq wiċċ is-Sur Lorenzi dehret tbissima. 'Tajjeb, tajjeb, għandek raġun. Mur sejjaħ lil xi buffi oħra u nies oħra li għandna fiċ-Ċirklu biex nagħtu wirja f'dan l-isptar. La t-tfal ma jistgħux jiġu ċ-Ċirklu, niġu aħna l-isptar.' *(par. 11)*

It-tfal infexxew iċapċpu. Insew li kienu morda fl-isptar. *(par. 12)*

(Silta addatta minn *Karamella Karamellu u x-Xadina Sistri* ta' Ġorġ Peresso)



**1. Agħm [illegible] kull waħda)**

(a) Larissa kienet waħda [illegible] żeffiena, mill-kantanti) taċ-Ċirklu.



www.StudentBounty.com

(b) Is-Sur Lorenzi kien (ferħan, irrabjat, kalm, kuntent) meta daħal l-isptar u ra lil Song Yu jikkummiedja max-Xadina Sistri.

**2. Aqra s-sentenzi u wara agħmel sinjal (X) fil-kaxxa taħt VERU jew FALZ.** **(½ marka kull waħda)**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| Eż: | Sid iċ-Ċirklu kien Song Yu. | | |
| | | | X |
| 1. | Is-Sur Lorenzi kellem lil xi ftit ħaddiema. | | |
| 2. | Ma kinux qed jattendu tfal għal wirjiet. | | |
| 3. | Il-ħaddiema kellhom ġimgħa ċans biex jerfgħu kollox. | | |
| 4. | Larissa ntebħet li x-xadina Sistri kienet ħarbet. | | |
| 5. | Sistri daħlet l-isptar minn ġo tieqa. | | |
| 6. | Is-Sur Lorenzi ħaseb li Sistri se ġġibu fl-inkwiet. | | |

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ.**

(a) Semmi żewġ raġunijiet għala ċ-Ċirklu ma kellux xogħol tajjeb fil-belt.

(i) ______________________________

(ii) ______________________________

**(2 marki)**

(b) **Ikkopja sentenza mill-Ewwel Parti** li turi li t-tfal ma jattendux iċ-Ċirklu jekk ma jiġux il-ġenituri tagħhom.

______________________________

______________________________

**(1marka)**

(ċ) **Fir-raba' paragrafu** s-Sur Lorenzi qal, *'Naf sew x'kedda se tkun għal kulħadd ...'*. X'irid ifisser b'dan il-kliem?

______________________________



www.StudentBounty.com

______________________________________________________________

**(2 marki)**

(d) Semmi żewġ raġunijiet għala t-tobba u l-infermiera tal-isptar baqgħu mibluhin.

(i) ______________________________________________________

(ii) ______________________________________________________

**(2 marki)**

(e) It-tfal tal-isptar bdew jidħku b'dak li bdiet tagħmel ix-xadina. Semmi waħda mill-praspar li għamlet ix-xadina quddiem it-tfal.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**(1 marka)**

(f) Song Yu qal lis-Sur Lorenzi li għandu jħossu kburi. Agħti żewġ raġunijiet għala s-Sur Lorenzi kellu jkun kburi.

(i) ______________________________________________________

(ii) ______________________________________________________

**(2 marki)**

**4. Fisser dawn il-frażijiet fi kliemek.** **(4 marki)**

(a) nittantaw xortina *(par. 3)* ________________________________

(b) ġibidha lejn l-isptar *(par. 5)* ________________________________

(ċ) baqgħu mibluhin *(par. 6)* ________________________________

(d) il-gazzetti se jixegħlu b'din l-aħbar *(par. 10)*________________

______________________________________________________

**5. Sib mis-silta kliem li jfisser l-istess bħal:** **(3 marki)**

(a) battikata (fl-ewwel parti) ____________________



www.StudentBounty.com

(b) ħmerijiet (fit-tieni parti) ____________________

(ċ) famuż (fit-tielet parti) ____________________

**6. Grammatika mis-Silta:** **(4 marki)**

(a) L-għerq tal-verb **nitilqu** ____________________

(b) Liema parti mill-kelma **jumejn** turi li n-nom qiegħed fl-Għadd Imtenni.

____________________

(ċ) Kelma oħra flok **'aħbar'** hija ____________________

(d) Żid aġġettiv xieraq mis-silta: Sistri hija xadina ____________________.

**TMIEM IL-KARTA**



www.StudentBounty.com